MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 412/1993/1

**Carmen Micallef u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2002 saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Joseph Micallef**

**v.**

**Prim Ministru u ghal kull interess li jista' jkollhom Lawrence Farrugia u r-Registratur tal-Qrati**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment dwar l-appellabilita` o meno tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza kostituzzjonali taghha) moghtija fl-ismijiet premessi fid-29 ta' Jannar 2004.

2. Permezz ta' rikors ippresentat fil-25 ta' Marzu 1993, ir-rikorrenti Carmen Micallef allegat li fil-kors ta' proceduri li hija kienet parti fihom quddiem il-Qorti ta' l-Appell (komposta dak iz-zmien mis-S.T.O. Prim Imhallef Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici u l-Onorevoli Imhallfin Joseph A. Herrera u Carmel A. Agius) – liema proceduri intemmu b'sentenza moghtija fil-5 ta' Frar 1993 – hija *"…ma kellhiex smigh xieraq fit-termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u dan peress illi, stante l-intimidazzjoni* [min-naha tal-President ta' dik il-Qorti] *li sofrew il-parti u d-difensur taghha u l-ostilita` manifesta* [dejjem da parti tal-President ta' dik il-Qorti] *li taghha huma kienu l-vittmi, huma ma setghux ikollhom u ma kellhomx smigh xieraq, bir-risultat li fatti li gew irppuvati u li ma jista' jmerihom hadd, gew michuda."* L-imsemmija Micallef kienet ghalhekk talbet ir-rimedji opportuni biex jigu mharsa d-drittijiet taghha protetti mill-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, fosthom ir-rimedju konsistenti filli s-sentenza tal-5 ta' Frar 1993 u l-proceduri li wasslu ghaliha jigu dikjarati nulli u bla effett, bil-konsegwenza li *"…l-appell jigi trattat mill-gdid quddiem Qorti diversament komposta…"*.

3. Fir-risposta tieghu, intimat – illum appellat – Prim Ministru wiegeb, *inter alia*, li huwa abbuz tar-rimedju kostituzzjonali u tar-rimedju analogu mahsub fl-Att XIV tal-1987 *"…illi parti wara li ma tkunx ezercitat ir-rimedji ordinarji mahsuba fil-Kodici ta' Procedura biex jassiguraw smigh xieraq, (f'dan il-kaz ir-rekuza u/jew ir-ritrattazzjoni) illi l-parti li fl-interess taghha gew mahsuba inutilment dawk ir-rimedji ordinarji tadixxi din il-Qorti fejn titlob ir-rimedju minn ghandha meta hi ma fitxiethux. Minn ma juzax id-drittijiet tieghu ghandu lilu biss f'min iwahhal jekk in-nuqqas tieghu wara jsib li ippregudikah."* L-intimat Prim Ministru ghalhekk temm ir-risposta tieghi billi talab, bla

pregudizzju ghall-veracita` o meno ta' dak allegat mir-rikorrenti, li *"…f'dan il-kaz fejn anke mill-fatti kif allegati jidher li kien hemm rimedju ordinarju car, din il-Qorti ghandha jew tiddikjara l-istess rikors frivolu u vessatorju jew ghall-anqas tezercita d-diskrezzjoni illi hi ghandha…u tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond* [is-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni analoga tal-Att XIV ta' l-1987]*…wara li ampjament ghandha tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli ghar-rikorrenti skond il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."*

4. Ir-Registratur tal-Qorti, fir-risposta tieghu tat-12 ta' April 1993 aderixxa ma', u ghamel tieghu, ir-risposta tal-Prim Ministru. Lawrence Farrugia, f'risposta minnu maghmula fil-11 ta' Gunju 1993, wiegeb hekk: *"Illi l-imsemmija Carmen Micallef mhux minnu li ma thallietx jew giet ostakolata milli taghmel it-trattazzjoni taghha. Jinghad umilment illi kieku kien minnu li r-rikorrenti verament hasset li d-drittijiet taghha gew lezi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1993* [**recte:** 1992] *messha ippresentat rikors fejn titlob li hija terga' tigi mismugha. Kien biss wara li hija tilfet din il-kawza* [i.e. bis-sentenza tal-5 ta' April 1993] *li hija ppresentat l-odjern rikors."*

5. Bis-sentenza taghha li minnha qed isir appell – cioe` s-sentenza tad-29 ta' Jannar 2004 – il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tar-rikorrenti. Il-parti decizjonali tghid hekk:

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa' *in parte* r-risposta tal-intimati l-Onorevoli Prim Ministru u r-Registratur tal-Qorti dwar il-mertu tar-rikors u fis-sens li l-istess rikors huwa frivolu u vessatorju, u filwaqt li tilqa' wkoll ir-risposta ta' l-intimat Lawrence Farrugia fil-mertu, tichad it-talba tar-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali tieghu datat 25 ta' Marzu 1993 *stante* li hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq premessi b'dan li mhux biss ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, izda addirittura l-ilment tar-rikorrenti huwa frivolu u vessatorju

*ai termini* tal-artikolu 45(5) tal-Kap 1 tal-Ligijiet ta’ Malta.” (sottolinear ta’ din il-Qorti).

6. Effettivament l-ewwel Qorti rrespingiet l-istedina li kienet saretilha mill-Prim Ministru sabiex hija tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha fuq il-bazi li ma kienx gie uzat xi rimedju ordinarju. Kif fissret il-Qorti fis-sentenza appellata:
“Illi apparti dan kollu pero` jirrizulta li fil-kaz in kwistjoni l-punt tar-rikuza mhux daqshekk relevanti. Infatti Dr Azzopardi fl-ebda stadju ma lmenta ghax kien hemm parentela bejn il-President u l-avukat tal-kontro-parti. Illi wara l-incident li nqala’ jirrizulta li d-diverbju kien gie sorvolat, almenu Dr Azzopardi xehed li kien taht dik l-impressjoni. Kwindi ma kien hemm ebda lok sabiex tintalab rikuza.

“Illi fir-rigward ta’ ritrattazzjoni, din il-Qorti taqbel li dan huwa rimedju straordinarju u li jista’ jigi nvokat biss fil-kazijiet specifikati mil-ligi nnifisha. Illi fil-kaz in kwistjoni r-rikorrent qed tallega ksur tad-drittijiet fondamentali liema allegazzjoni tista’ biss tigi nvestigata minn din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha u ghalhekk gha dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qed tigi michuda.”

7. Pero` meta din il-Qorti giet biex tindirizza l-meritu tal-lanjanza tar-rikorrenti – li fil-mori tal-proceduri kienet mietet u kien giet sostitwita b’Joseph Micallef – esprimiet ruhha hekk:

“Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in kwistjoni jirrizulta b’mod car li wara li nqala’ l-imsemmi incident fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 1992, il-Prim Imhallef u Dr Tonio Azzopardi kkjarifikaw is-sitwazzjoni. Dan xehdu Dr Azzopardi nnifsu li hareg mohhu mistrieh. Ovvjament huwa ma kellu l-ebda garanzija li dan il-kjariment seta’ wassal biex l-appell jigi deciz favurih. Illi fil-fatt jinghad li ma jezisti l-ebda ness bejn dan l-incident u s-sentenza li nghata mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell. Fl-ewwel lok jinghad li l-Qorti tal-Appell kienet presjeduta minn tlett imhallfin u mhux biss mis-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef

indikat u Dr Tonio Azzopardi nnifsu xehed li z-zewg imhallfin l-ohra ma kinux involuti fl-incident. Illi fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li s-sentenza nghatat b'mod kollegjali.

"Illi fit-tieni lok jinghad li minn qari ta' l-istess sentenza johrog b'mod car li l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddecidiet bil-mod kif iddecidiet fuq il-mertu tal-kaz quddiemha w abbazi ta' punti legali relattivi u tat sentenza ben motivata skond l-ligi li hija ghal kollox estraneja u indipendenti mill-incident vantat mir-rikorrenti fir-rikors odjern.

"Illi fil-fatt jidher li dak li r-rikorrenti qed jittenta jaghmel b'din il-procedura huwa li peress li d-decizjoni inghatat kontra tieghu fuq il-mertu tal-kaz u peress li ma hemmx lok ghall-ritrattazzjoni huwa qed jipprova jaqbad ma' dak l-incident biex jattakka l-istess sentenza abbazi ta' ksur ta' drittijiet fondamentali meta certament jirrizulta mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti li huwiex il-kaz. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan fih innifsu jikkostitwixxi abbuz ta' l-istess proceduri kostituzzjonali.

"Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, <u>mhux biss hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, izda addirittura frivola u vessatorja ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u anke` abbuz tal-proceduri gudizzjarji u kostituzzjonali.</u>" (Sottolinear ta' din il-Qorti).

8. Joseph Micallef appella minn din is-sentenza fuq diversi aggravji, fosthom li s-sentenza tal-ewwel Qorti kienet nulla ghax il-prolazzjoni taghha saret fil-bini tal-Qorti tal-Familja. Fir-risposti taghhom ghar-rikors ta' l-appell, kemm l-appellat Lawrence Farrugia – ara r-risposta a fol 13 tal-atti ta' l-appell – kif ukoll il-Prim Ministru u r-Registratur tal-Qrati – fol. 18 – issollevaw il-pregudizzjali li f'dan il-kaz ma hemmx dritt ta' appell minhabba li l-ewwel Qorti iddikjarat li l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti quddiema kienet frivola u vessatorja, u li ghalhekk kien jiskatta d-divjet tal-ligi ghal tali appell – Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 4(5) tal-Kap. 319.

9. Peress li hu evidenti li kollox (inkluz, ghalhekk, l-aggravju dwar l-allegata nullita` tas-sentenza tal-ewwel Qorti ghax giet pronunzjata fl-edifizzju allokat ghall-Qorti tal-Famija) hu pre-ordinat ghall-ezistenza o meno tad-dritt ta’ appell minn dik l-istess sentenza, fl-udjenza tal-14 ta’ Frar 2005 din il-Qorti ordnat li l-ewwel tigi trattata u deciza *“…l-eccezzjoni ta’ jekk id-decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Jannar 2004 kienx appellabbli jew le fid-dawl tal-pregudizzjali sollevata mit-tlett appellati.”* Il-verbal ta’ dik l-udjenza jkompli hekk: *“Id-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom refiribbilment ghall-pregudizzjali dwar l-appellabilita` o meno tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta’ Jannar 2004.”* U l-kawza baqghet differita ghal decizjoni fuq dan il-punt preliminari.

10. Issa ma hemmx dubbju li fid-*decide* l-ewwel Onorabbli Qorti esprimiet ruhha bl-aktar mod car u inekwivoku dwar li l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti (illum appellanti permezz ta’ Joseph Micallef) kienet mhux biss frivola jew vessatorja (ghax il-wahda jew l-ohra huma bizzejjed skond is-subartikoli (5) aktar ‘l fuq imsemmija) izda addirittura frivola <u>u</u> vessatorja. Huwa veru li l-ewwel Qorti ma wzatx il-kelma “semplicement”, pero` din il-Qorti hi tal-fehma li s-sens kollu tad-*decide* u li l-kwistjoni sollevata kienet effettivament <u>semplicement</u> frivola u vessatorja. Dan jemergi aktar car jekk wiehed jara l-paragrafu minnufih qabel id-*decide* (gja kkwotat) li jghid hekk: ***“Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, mhux biss hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, izda addirittura frivola u vessatorja ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u anke abbuz tal-proceduri gudizzjarji u kostituzzjonali.”*** Ta min jinnota wkoll, kif tajjeb osserva Lawrence Farrugia fir-risposta tieghu, li anke l-appellant donnu jammetti li l-lokuzzjoni adoperata mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kienet timbarralu l-possibilita` ta’ appell, tant li lmenta li b’tali lokuzzjoni dik il-Qorti kienet qed tadopera mizura “arbitrarja daqs kemm hi odjuza”. In fatti fil-paragrafu enumerat 2.1 fir-rikors ta’ appell jinghad testwalment hekk:

"2.1 Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-parti deciziva tas-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li tiklassifika l-lanjanza kostituzzjonali kontenuta fir-rikors promotur bhala "frivola u vessatorja" u b'hekk taghlaq darba ghal dejjem, almenu sa fejn jiddependi mill-volonta` taghha, it-triq biex isir appell mis-sentenza taghha – mizura din li hija, bir-rispett kollu, arbitrarja daqskemm hija odjuza. B'dan il-mod, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet lilha nnifisha, almenu safejn jiddependi minnha, l-arbitru finali tal-kwistjoni, u dan minkejja li l-vertenza tant mhix frivola jew vessatorja li s-sentenza fil-prim istanza moghtija mill-Onor. Imhallef Albert Manche` fil-proceduri li matulhom inqala' l-incident kienet sentenza li *tat ragun lir-rikorrenti*. Kien biss l-atteggjament ostili hafna ta' l-Unur tieghu l-Prim Imhallef Giuseppe Mifsud Bonnici li wassal biex is-sentenza tal-prim istanza moghtija mill-Onor. Imhallef Albert Manche` tigi revokata, minghajr ma z-zewg Imhallfin l-ohra lissnu kelma matul l-incident kollu." (sottolinear ta' din il-Qorti).

11. Issa, apparti li dan il-bran appena citat fih hafna kongetturi u supposizzjonijiet – li pero` din il-Qorti ghall-mument mhix sejra tikkummenta fuqhom stante li l-provvediment odjern jirrigwarda biss il-pregudizzjali tal-appellabilita` o meno – l-intenzjoni tal-legislatur, meta fassal is-subartikoli (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319, kienet proprju li meta l-Prim Awla tiddikjara li xi talba jew xi kwistjoni li tkun tqanqlet kienet "semplicement frivola jew vessatorja", id-dritt ta' appell minn dik id-decizjoni ma jibqax jezisti. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa diversi sentenzi li jitrattaw dawn is-subartikoli – 46(5) u 4(5) – fosthom ***Angelo Spagnol v. L-Onorevoli Prim Ministru noe et*** Q.K. 11 ta' Jannar 1989, ***Il-Pulizija v. Michael Pace et*** Q.K. 30 ta' Mejju 1990, ***Martin u Carmen Fenech v. Onorevoli Prim Ministru*** Q.K. 13 ta' Awissu 1991, ***Nutar Dr. Joseph Abela v. Onorevoli Prim Ministru et*** Q.K. 18 ta' Mejju 1994, ***Joseph u Alexander Ciantar v. L-Onorevoli Prim Ministru*** Q.K. 10 ta' Mejju 1995, ***Mario Azzopardi v. Registratur tal-Qorti et*** Q.K. 17 ta' Jannar 1996, ***Anthony Pace v. Avukat Generali et*** Q.K. 20 ta' Ottubru 2004 u ***Salvatore Grech v. Avukat Generali*** Q.K. 31 ta'

Jannar 2005 – u minnhom jemergi car il-principju li bhala regola, u sakemm ma jkunx hemm x'jindika b'mod impellenti li ghandu jsir il-kuntrarju, id-decizjoni tal-Prim Awla li talba migjuba quddiemha jew kwistjoni li tkun tqanqlet hija frivola jew vessatorja hija ta' ostakolu ghal xi forma ta' appell minn dik is-sentenza ghal quddiem din il-Qorti. In partikolari fil-kaz ta' ***Salvatore Grech*** (*supra*) din il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

"Din id-disposizzjoni, li hija wahda ta' ordni pubbliku, u hija cara fil-portata taghha, u cioe` tipprekludi li jsir appell minn decizjoni li tkun imbollat it-talba jew it-tqanqil tal-kwistjoni bhala semplicement frivola jew vessatorja (ara, *passim*, ***Mario Azzopardi v. Registratur tal-Qorti et*** Qorti Kostituzzjonali 17 ta' Jannar, 1996; ara, bil-kontra, meta l-lokuzzjoni adoperata tkun differenti jew mhux parti mid-dispozittiv, jew tkun tirreferi biss ghal aspett wiehed tat-talba jew talbiet, ***Anthony Pace v. Avukat Generali et*** Qorti Kostituzzjonali 20 ta' Ottubru, 2004)."

12. Minn qari tas-sentenza appellata – u minghajr ma wiehed ghall-mument jidhol f'aspetti li jirrigwardaw proprjament il-meritu ta' l-appell stante li l-provvediment odjern huwa limitat ghall-pregudizzjali ta' l-appellabilita` -- din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li d-decizjoni tal-Prim Awla fil-kaz *de quo* li t-talba tar-rikorrenti kienet mhux biss frivola izda wkoll vessatorja ghandha tigi rispettata. Isegwi ghalhekk li l-appell interpost huwa irritu u null in kwantu vjetat bis-subartikolu (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u bis-subartikolu analogu tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319.

13. Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellati u konsegwentement tiddikjara l-appell interpost minn Joseph Micallef bir-rikors tieghu tad-9 ta' Frar 2004 bhala irritu u null, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Spejjez ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------